MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 11/2012

**Joseph Farrugia**

**Vs**

**L-Awtorita` Ghat-Trasport F'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-Rikorsipprezentat minn Joseph Farrugia fil-31 ta Jannar 2012 permezz ta' liema talab lil dan t-Tribunal:

1. Jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita` intimata tat-12 ta' Jannar 2012 dwar applikazzjoni tieghu ghal permess ta' xufier taht ir-Regolamenti dwar is-Servizz Ta' Garr ta' Passiggieri [L.S. 499.56);

2. Jordna lill-Awtorita` intimata tohroglu permess ta’ xufier taht ir-Regolamenti dwar is-Servizz Ta’ Garr ta’ Passiggieri [L.S. 499.56).

Ra r-Risposta tal-Awtorita` intimata ipprezentata fl-24 ta’ Frar 2012 fejn opponiet ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Ra l-verbal tas-7 ta’ Frar 2013 fejn it-Tribunal gie nfurmat illi bhala fatt id-decizjoni ta’ l-Awtorita` intimata kienet wahda zbaljata;

Ra l-verbal tas-26 ta’ Novembru 2013 fejn id-difensur tal-Awtorita` intimata informa lit-Tribunal li l-istess Awtorita` kienet lesta li taccetta li r-rikors jibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet;

Ra l-verbal tal-20 ta’ Jannar 2014 fejn il-partijiet infurmaw lit-Tribunal li kien jonqos biss li jithallsu l-ispejjez da parti tal-Awtorita` intimata lir-rikorrent biex ir-rikors ikun jista’ jigi cedut;

Ra illi minkejja li saru diversi seduti wara l-20 ta’ Jannar 2014, l-Awtorita` intimata baqghat ma ghamlitx il-hlas tal-ispejjez lir-rikorrent;

Ra il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2015 fejni gie konfermat da parti tad-difensur tal-Awtorita` intimata li l-ispejjez ghadhom ma thallsux u ghalhekk it-Tribunal halla r-rikors ghal-lum ghal sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

**IKKUNSIDRA:**

Illi mill-atti esebiti jirrizulta illi r-rikorrent applika ghal permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar is-Serviz ta' Garr ta' Passiggier. Illi din l-applikazzjoni giet michuda da parti tal-Awtorita` intimata peress kienet inghatat decizjoni mill-Qrati Kriminali fejn ir-rikorrent kien gie mqieghed taht ordni ta' probation.

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-Awtorita` intimata irrikonoxxiet li d-decizjoni taghha kienet wahda zbaljata. Dan gara peress li la darba r-rikorrent tpogga taht ordni ta' probation, allura ai termini tar-Regolament 19 (2) ma setghax jigi skwalifikat milli jottjeni l-permess ta' xufier.

Illi t-Tribunal jinnota li minkejja li ta diversi opportunijiet lill-Awtorita` intimata sabiex thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tali baqa' ma sarx.

It-Tribunal jinnota li dan id-delungar li sar biex jithallsu l-ispejjez sarraf biss f'hela ta' hin u rizorsi ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal jikkundanna bil-qawwa kollha tali agir gej minn fejn gej, iktar u iktar meta tali agir huwa ta' Awtorita` pubblika li ghandha tkun hi li taghti ezempju.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jiddikjara li in segwitu ghall-ittra tat-12 ta' Jannar 2012 esebita bhala Dok JF3 a fol. 6 tal-process, illum il-mertu ta' l-appell intavolat mir-rikorrent huwa ezawrit u jikkundanna lill-Awtorita` intimata thallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------